# ŻEWĠ KANUNI STORIĊI FIL-ĦAMRUN

MINN ALFIE GUILLAUMIER

Imissu maz-zuntier tal-knisja Tas-Samra hemm żewġ kanuni mdeffsin fl-art bħal ħafna li naraw imxerrdin f'bosta nħawi ta' Malta. Minn dejjem kienu f'għajni dawn l-imberkin ta' kanuni għaliex kont inħoss fija li dnub jekk ma jittellgħux minn hemm u jitqiegħedu fuq karru kif ikunu kanuni oħra.

Nafu li sewwa sew f'dak iċ-ċentru kien hemm batterija kbira fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi billi l-Maltin żammew l-għadu li ma joħroġx barra l-Bieb tal-Bombi li dak iż-żmien seta' jidher faċilment min fuq dik l-għolja għaliex bejniethom ftit li xejn kien hemm xi jtellef. Għalhekk għal Tas-Samra dawn il-kanuni għandhom ċertu valur sentimentali, barra dak storiku.

B'dan il-ħsieb f'moħħi darba kellimt lil Dun Ġorġ Bonello li hu l-Prokuratur ta' l-istess knisja. Dun Ġorġ ma qalx le u qalli li darba hu wkoll kellu dan il-ħsieb. Qalli: "Jien intellagħhom kieku kelli l-permess imma b'tal-familja Borg Olivier x'tagħmel? Min jaf jekk jaċċettawx?"

Il-familja Borg Olivier għandhom ġustatronat fuq il-knisja, għalhekk il-kelma tagħhom kienet tiswa. Jien għidtlu "Jekk inġiblek il-permess int taqlagħhom?" Meta kelli l-konferma tiegħu, l-għada sibt lill-Avukat Ġużeppi Bog Olivier, Alla jaħfirlu, u kellimtu fuqhom u fuq il-lapida li kien hemm f'nofs il-knisja. Hu qalli biex inkellem lil ibnu, l-Avukat Albert Borg Olivier. Dan infurmah li billi missieru ma kienx il-kbir fost l-aħwa, kien ikun aħjar li kieku nkellem lil zijuh, it-Tabib Gaetano Borg Olivier. It-Tabib ma sabx oġġezzjoni, anzi wera ħeġġa ladarba kienet ħaġa għall-ġid.

L-għada kellimt lis-Sur John Bonello, Segretarju tal-Ministru l-Avukat Anton Buttigieg, u dan kellem dak il-ħin stess quddiemi lill-Perit Ellul. Dan qal li la l-kanuni kienu fit-triq, kienu propjetà tal-Gvern u talabni biex nagħmlu t-talba tagħna bil-miktub, u nagħmlu disinn tal-karru. Dak il-ħin stess mort dort dawra mal-bitħa tal-Palazz tal-Belt biex insib xi karru ta' l-epoka, u ħażżist wieħed li kien addattat. Fil-għaxija għaddejtu lil Dun Ġorġ Bonello biex jibgħatu flimkien ma' applikazzjoni lill-Perit Ellul għall-approvazzjoni. Kemm lill-Perit Ellul u kemm lis-Segretarju bqajt inċemplilhom u anki nkellimhom personalment sakemm fl-aħħar il-permess wasal u issa għandna l-pjaċir naraw iż-żewġ kanuni kif kienu fl-imgħoddi.

● *Qed nipproduċi dan l-artiklu li kien deher fuq il-ktieb 'Il-Ħamrun - Żvilupp ta' Seklu' fl-1975 u dan bil-għan biex forsi nerġgħu nqajjmu kuxjenza Ħamruniża u nerġgħu narawhom armati fuq karru ta' l-injam fuq iz-zuntier.*